

Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Għajjuna legali

Fil-qasam tal-ġustizzja ċivili, il-proċeduri u l-proċedimenti pendenti mibdija fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni se jkomplu skont il-liġi tal-UE. Il-Portal tal-e-Ġustizzja, abbażi tal-ftehim reċiproku mar-Renju Unit, se jżomm l-informazzjoni rilevanti marbuta mar-Renju Unit sa tmiem l-2024.

Għajjuna legali

Skozja

1 Il-proċedimenti legali xi spejjeż jinvolvu, u normalment min irid iħallashom?

L-ispejjeż jiddependu min-natura tal-kawża. L-ispejjeż jistgħu jinkludu l-onorari tal-avukat (solicitor) li jkun qiegħed jaġixxi għall-persuna li tirċievi l-għajjuna legali (il-persuna assistita), flimkien ma' nfiq bħat-tariffi tal-qorti u l-perizji.

Fit-tmiem ta' kawża, il-qorti tiddeċiedi liema parti għandha tħallas l-ispejjeż. B'mod ġenerali, il-parti rebbieħa tiġi ordnata tħallas l-ispejjeż tal-parti telliefa għalkemm hemm bosta eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju. Jekk il-persuna assistita toħroġ telliefa jew jekk il-parti l-oħra tiġi ordnata tħallas l-ispejjeż iżda tonqos milli tagħmel dan, il-persuna assistita tkun responsabbli biex tħallas l-ispejjeż proprji tagħha.

2 X'inhija eżattament l-għajjuna legali?

L-assistenza legali ffinanzjata b'fondi pubbliċi (għajjuna legali) tippermetti lill-persuni jsegwu jew jiddefendu d-drittijiet tagħhom jew iħallsu għad-difiża tagħhom meta kieku ma jkunux jistgħu jaffordjaw li jagħmlu dan. L-għajjuna legali fl-Iskozja hija amministrata mill-Bord Skoċċiż tal-Għajjuna Legali (Scottish Legal Aid Board) (SLAB), li huwa Korp Pubbliku Mhux Dipartimentali (Non-Departmental Public Body) iffinanzjat mill-Gvern Skoċċiż (The Scottish Government).

Hemm tliet tipi ta' assistenza legali.

Konsulenza u assistenza ċivili: Konsulenza verbali jew bil-miktub dwar l-applikazzjoni tal-liġi Skoċċiża għal kwalunkwe ċirkustanza partikolari li tkun inqal għet fir-rigward tal-persuna li tfitteż il-konsulenza. Din tingħata minn avukat (solicitor) u, fejn ikun xieraq, minn avukat (counsel).

Konsulenza permezz ta' rappreżentanza (ABWOR): Kategorija ta' konsulenza u assistenza li tippermetti r-rappreżentanza minn avukat (solicitor) jew, fejn ikun xieraq, minn avukat (counsel) fi proċedimenti ċivili fi qrati u tribunali deżinjati fl-Iskozja.

Għajjuna legali ċivili: Skema separata li tippermetti r-rappreżentanza minn avukat (solicitor) jew, fejn ikun xieraq, minn avukat (counsel) fi proċedimenti ċivili fi qrati u tribunali deżinjati oħra fl-Iskozja.

3 Għandi dritt għal għajjuna legali?

Il-kriterji ta' eliġibbiltà għal dawk li jaċċessaw l-għajjuna legali ċivili huma konsistenti u trasparenti, bir-rikorsi jkunu soġġetti għal testijiet statutorji. L-ewwel żewġ testijiet jiġu applikati għall-kontenut legali tar-rikors. Irid jintwera li jkun hemm bażi legali għall-kawża li għaliha tkun qed tintalab l-għajjuna legali (imsejħa kawża probabbli) u li jkun raġonevoli li jintużaw fondi pubbliċi biex tiġi appoġġata l-kawża. It-tielet test jiġi applikat għaċ-ċirkustanzi finanzjarji tar-rikorrent.

Il-konsulenza u l-assistenza jistgħu jingħataw minn avukat (solicitor) jekk huwa jkun sodisfatt li r-rikorrent ikun finanzjarjament eliġibbli u s-suġġett li dwaru jfittex il-konsulenza jkun kwistjoni tal-liġi Skoċċiża. Avukat (solicitor) jista' jipprovi konsulenza u assistenza sa ċertu livell ta' nefqa. Kwalunkwe xogħol li jkun se jaqbeż il-livell inizzjali tan-nefqa jrid ikollu l-approvazzjoni minn qabel tal-SLAB, l-istess bħal kwalunkwe xogħol li jirrikjedi rappreżentanza.

Ma hemm l-ebda rekwiżit li wieħed irid ikun residenti fl-Iskozja meta jagħmel rikors għal assistenza legali skont l-Att tal-1986 dwar l-Għajjuna Legali (l-Iskozja) (Legal Aid (Scotland) Act 1986). Il-konsulenza u l-assistenza huma disponibbli għal kwistjonijiet tal-Liġi Skoċċiża (inkluża l-liġi tar-Renju Unit li tapplika fl-Iskozja). L-Għajjuna Legali hija disponibbli għal proċedimenti fil-qrati Skoċċiżi.

4 L-għajjuna legali tingħata għal kull tip ta' proċediment?

Ara l-Mistoqsija 2 hawn fuq.

Il-konsulenza u l-assistenza ċivili huma disponibbli dwar kwistjonijiet li jinvolvu l-applikazzjoni tal-liġi Skoċċiża.

L-ABWOR hija disponibbli għal proċedimenti ċivili f'għadd ta' qrati u tribunali li huma msemmija fil-leġiżlazzjoni. Dawn jinkludu t-Tribunali tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni (Immigration Appeal Tribunals) u t-Tribunali Industrijali (Employment Tribunals).

L-għajjuna legali ċivili hija disponibbli għal proċedimenti ċivili f'għadd ta' qrati u tribunali oħra li huma msemmija fil-leġiżlazzjoni. Dawn jinkludu l-Qorti tax-Sheriff (Sheriff Court) u l-Qorti tas-Seduta (Court of Session), li huma l-qrati prinċipali fl-Iskozja għal kwistjonijiet ċivili. L-għajjuna legali hija disponibbli wkoll għal għadd ta' tribunali bħall-Kummissarji tas-Sigurtà Soċjali u t-Tribunali tal-Appell dwar l-Impjeggi (Employment Appeal Tribunals).

L-għajjuna legali ċivili ma tistax tingħata għal proċedimenti kompletament jew parzjalment ikkonċernati b'malafama; petizzjonijiet elettorali; rikorsi simplifikati għad-divorzu fil-Qorti tas-Seduta (Court of Session) jew il-Qorti tax-Sheriff (Sheriff Court); u petizzjonijiet minn debitur għas-sekwestru tal-patrimonju tiegħu. Hija ma tistax tkun disponibbli għal kawżi fil-qorti għal talbiet żgħar (small claims court) (jiġifieri fejn il-valur ta' talba jkun anqas minn £ 3 000 sakemm it-talba ma tkunx tinvolvi dannu personali).

Madankollu, l-avukat (solicitor) tiegħek jista' jkun kapaċi jagħtik parir dwar dawn taħt konsulenza u assistenza.

5 Jeżistu proċeduri speċjali f'każijiet ta' bżonn?

Avukat (solicitor) jista' jieħu ċerti passi fil-proċedimenti bħala kwistjoni ta' urġenza speċjali sabiex jiproteġi l-pożizzjoni tar-rikorrent qabel ma rikors għall-għajjuna legali ċivili jiġi determinat mill-SLAB.

6 Minn fejn nista' nikseb formola ta' applikazzjoni għal għajjuna legali?

L-SLAB jaċċetta biss rikorsi li jiġu ppreżentati minn avukat (solicitor) li jaġixxi fisem rikorrent.

7 X'dokumenti jridu jiġu ppreżentati mal-formola tal-applikazzjoni għal għajjuna legali?

L-avukat (solicitor) tiegħek jinfurmak dwar id-dokumenti li jkunu meħtieġa fir-rigward tal-valutazzjoni tal-eliġibbiltà finanzjarja u l-merti tal-kawża tiegħek.

8 Fejn irid nibgħat l-applikazzjoni tiegħi għal għajjuna legali?

L-SLAB jaċċetta biss rikorsi li jiġu ppreżentati minn avukat (solicitor) li jaġixxi fisem rikorrent, u mhux mir-rikorrenti direttament.

Jekk ma tkunx tista' ssib avukat (solicitor) biex jirrapprezentat, il-Law Society of Scotland tipprovi lokalizzatur tal-avukati (solicitors) fuq [is-sit web tagħha](#).

Dan jipprovi l-opzjoni li wieħed ifttx avukat (solicitor) irregiſtrat biex jipprovi għajjuna legali. Tista' wkoll iċċempel lil-Law Society fuq 0131 226 7411.

9 Kif nista' nsir naf jekk jiniex intitolat għal għajjuna legali?

L-avukat (solicitor) tiegħek jgħidlek jekk intix eliġibbli biex tirċievi konsulenza u assistenza tal-għajnuna legali.

Għall-għajnuna legali, l-avukat (solicitor) tiegħek jippreżenta rikors għal dan f'ismek u l-SLAB jiktbilkom it-tnejn ladarba r-rikors tiegħek għall-għajnuna legali ċivili jkun għe valutat. L-SLAB għandu wkoll għadd ta' **stimaturi tal-eliġibbiltà** fuq is-sit web tiegħu biex jgħinuk tifhem dak li tista' tkun intitolat għalih.

10 X'għandi nagħmel jekk inkun intitolat għal għajnuna legali?

L-avukat (solicitor) tiegħek jagħtik parir dwar il-kors ta' azzjoni xieraq.

11 Min jagħżilli l-avukat, jekk inkun intitolat għal għajnuna legali?

Tkun trid tikkonsulta avukat (solicitor) qabel ma tkun tista' tressaq rikors għal konsulenza u assistenza jew għajnuna legali.

Jekk ma tkunx tista' ssib avukat (solicitor) biex jirrappreżentak, il-Law Society of Scotland tipprovdi **lokalizzatur tal-avukati (solicitors)** fuq is-sit web tagħha.

Dan jipprovdi l-opzjoni li wieħed ifittex avukat (solicitor) irregiſtrat biex jipprovdi għajnuna legali. Tista' wkoll iċċempel lil-Law Society fuq 0131 226 7411.

Inkella, l-SLAB jipprovdi informazzjoni dwar l-eqreb avukati (solicitors) li joffru għajnuna permezz ta' għajnuna legali, jew fornituri oħra ta' konsulenza ffinanzjati mill-Bord. Għal kwistjonijiet ċivili, huwa possibbli li tfittex skont it-tip ta' kawża. Għalkemm ditta tkun irregiſtrata għal xogħol ta' għajnuna legali, hija mhijjex obligata li toffri servizzi lil kwalunkwe klijent jew li toffri li tiegħu kawża fuq għajnuna legali.

12 L-għajnuna legali tkopri l-ispejjeż kollha tal-proċedimenti?

Ara l-mistoqsija 1 hawn fuq.

L-għajnuna legali tkopri biss l-ispejjeż tal-avukat (solicitor) tiegħek u spejjeż oħra relatati mal-kawża tiegħek, bħat-tariffi tal-qorti u l-perizji. L-għajnuna legali ma tkoprix l-ispejjeż tal-parti l-oħra.

Jekk inti eliġibbli għall-għajnuna legali, inti tista' tkun meħtieġ li tħallas kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-kawża. Il-livell tal-kontribuzzjoni pagabbli jkun ibbażat fuq iċ-ċirkustanzi finanzjarji tiegħek.

13 Min għandu jħallas l-ispejjeż l-oħra jekk jien inkun intitolat biss għal għajnuna legali limitata?

Jekk tkun intitolat għal għoti limitat ta' għajnuna legali, inti jkollok tħallas il-bqija tal-ispejjeż tal-kawża inti stess. Jekk ikollok tħallas kontribuzzjoni, l-ammont ikun jiddependi fuq l-introjt disponibbli, it-tfaddil u l-proprjetà tiegħek. L-SLAB ikejjel l-introjt mid-data tar-rikors u l-kapital (tfaddil u oġġetti ta' valur li jkollok) sakemm iddum il-kawża tiegħek.

14 L-għajnuna legali tkopri l-appelli wkoll?

Iċ-ċertifikat oriġinali tal-għajnuna legali ma jkoprix appell kontra l-eżitu tal-kawża. Ikun meħtieġ rikors ġdid għal għajnuna legali u l-SLAB irid ikun sodisfatt li t-testijiet statutorji jkun ssodisfati fir-rigward tal-appell.

15 L-għajnuna legali tista' tiġi rtirata qabel il-konklużjoni tal-proċedimenti (jew saħansitra tiġi revokata wara t-terminazzjoni tal-proċedimenti)?

L-SLAB jista', u xi drabi jagħmel dan, li jissospendi l-għajnuna legali għal diversi raġunijiet, bħal meta avukat (solicitor) ma jwegħibx talba għal informazzjoni addizzjonali. F'konformità mal-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fil-liġi, l-SLAB huwa meħtieġ li jqis il-valutazzjoni kontinwa tal-finanzi ta' persuna u li jikkunsidra jekk ikunx għadu raġonevoli li tingħata l-għajnuna legali. Parti mit-test tar-raġonevolezza hija li persuna li tingħata għajnuna legali hija mistennija li tikkonforma mal-ordinijiet tal-qorti.

L-għajnuna legali tista' tiġi tterminata wkoll jekk il-persuna assistita tkun tat informazzjoni falza jew tkun naqset milli tiżvela informazzjoni materjali u f'dawk iċ-ċirkustanzi l-SLAB jista' jfittex ukoll li jirkupra kwalunkwe flus li jkun ħallas.

16 Nista' nikkontesta r-rifjut li ningħata għajnuna legali?

Jekk persuna tiġi miċħuda l-għajnuna legali, l-SLAB ikun ta r-raġuni(jiet) għaċ-ċaħda. Individwu jista' jittlob rieżami tal-kawża, b'mod partikolari jekk iċ-ċirkustanzi jkun nbidlu. Kawża individwali tista' tiġi diskussa mal-SLAB permezz tal-posta elettronika (general@slab.org.uk) jew bit-telefown. Is-swiċċbord (0131 226 7061) huwa miftuħ, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, 0830-1700.

L-aħħar aġġornament: 15/07/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.